

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

P7_TA(2013)0088

Il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-14 ta' Marzu 2013 dwar il-pjan direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija (2012/2103(INI))

(2016/C 036/11)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" u d-dokumenti ta' ħidma li jakkumpanjawha (COM(2011)0885),
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE dwar L-Efficijenza fl-Enerġija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 ⁽²⁾ dwar Kooperazzjoni fir-rigward tal-politika enerġetika ma' sħab lil hinn mill-fruntieri tagħna: Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-aspetti industrijali, tal-enerġija u aspetti oħra tal-gass u ż-żejt tax-shale ⁽⁴⁾ u r-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-impatti ambjentali tal-attivitatiet ta' estrazzjoni ta' gass tax-shale u żejt tax-shale ⁽⁵⁾ adottati fil-21 ta' Novembru 2012,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel kif ukoll tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0035/2013),
- A. Billi jfakkar li l-pilastru tal-politika enerġetika tal-UE huma s-sostenibilità, is-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività;
- B. Billi l-kompetittività tal-industrija Ewropea għandha tiġi kkunsidrata permezz ta' politiki u strumenti adegwati u bl-adattament għal proċess li jindustrijalizza mill-ġdid l-ekonomija tal-UE;
- C. Billi huwa fl-interess tal-Istati Membri li jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija bi prezzijiet volatili, u jiddevirsifikaw il-provvisti tal-enerġija;
- D. Billi l-isfida tas-sigurtà enerġetika hija li tnaqqas l-inċertezzi li jholqu tensjonijiet bejn l-istati u li tnaqqas l-inefficijenzi tas-suq li jfixxli l-benefiċċji tal-kummerċ, kemm għall-fornituri kif ukoll għall-konsumaturi;
- E. Billi huwa importanti li tinkiseb indikazzjoni bikrija dwar jekk l-għanijiet esiġenti tal-Pjan Direzzjonali jistgħux jinkisbu, u li jiġi rivedut l-impatt fuq l-ekonomija tal-UE, inklużi l-kompetittività globali, l-impjeg u s-sigurtà soċjali;
- F. Billi jeħtieġ li l-Istati Membri, il-kumpaniji tal-enerġija u l-pubbliku ġenerali jkollhom perspettiva ċara tad-direzzjoni tal-politika tal-enerġija tal-UE, li għandha tiġi appoġġata b'iżjed ċertezza, bl-inklużjoni ta' tragwardi u miri għall-2030, bl-għan li jiġu iċċentivati u jitnaqqas ir-riskju tal-investimenti fit-tul;

⁽¹⁾ ĠU L 315 14.11.2012., p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0238.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0086.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0444.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0443.

Objettivi tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija UE2050

1. Jirrikonoxxi l-benefiċċji li l-Istati Membri jisiltu billi jaħdmu flimkien għal trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija; japprova, għalhekk, il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 tal-Kummissjoni bħala l-bażi biex tiġi proposta inizjattiva leġiżlattiva u inizjattivi oħrajn dwar il-politika enerġetika bl-għan li jiġi żviluppata qafas ta' politika għall-2030, inklużi tragwardi u miri fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, bl-għan li jinħoloq qafas regolatorju u legali ambizzjuż u stabbli; jinnota li d-definizzjoni ta' miri tal-enerġija għall-2050 u l-perjodu intermedjarju, tassumi governanza pan-Ewropea; jipproponi l-adozzjoni, fl-ispirtu ta' solidarjetà, ta' strateġija li tippermetti lill-Istati Membri jikkooperaw skont il-Pjan Direzzjonali fi spirtu ta' solidarjetà – il-ħolqien ta' Komunità Ewropea tal-Enerġija; iħeġġeġ ħidma sabiex jiġi definit il-qafas ta' politika 2030 f'kalendarju xieraq sabiex tiġi pprovduta s-sigurtà tal-investitur.
2. Jinnota li x-xenarji proposti għall-2050 mhumiex ta' natura deterministika, iżda minflok iservu bħala bażi għal dialogu kostruttiv dwar kif is-sistema tal-enerġija tal-Ewropa tista' tiġi ttrasformata sabiex tilħaq l-għan fuq perjodu twil tagħna tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra bi 80-95 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2050; jenfasizza li l-projezzjonijiet futuri kollha tal-enerġija, inkluż il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija, huma bbażati fuq ċerti suppożizzjonijiet dwar żviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni taġġorna l-Pjan Direzzjonali regolamentar; jinnota li l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ma tanalizzax f'iktar dettall it-trajettorji possibbli għal kull Stat Membru differenti, grupp ta' Stati Membri jew raggruppament reġjonali sal-2050;
3. Jilqa' l-fatt li l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 tal-Kummissjoni jipprovdi deskrizzjonijiet ta' xenarji differenti; jenfasizza li kemm ix-xenarji bbażati fuq ix-xejriet attwali kif ukoll dawk ibbażati fuq id-dekarbonizzazzjoni mhuma xejn iżjed minn projezzjonijiet; jinnota li, għaldaqstant, ċertament ma jkoprox il-firxa sħiħa ta' possibilitajiet, u għalhekk ma jagħmlu xejn iżjed ħlief li joffru ideat għall-istruttura futura tal-provvista tal-enerġija tal-Ewropa;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-projezzjonijiet imhejjja għall-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 tal-Kummissjoni, jiġu żviluppati ulterjorment anke abbażi ta' mudelli oħra minbarra l-mudell tas-sistema tal-enerġija PRIMES, u li jiġu deskritti xenarji oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju biex jiġi promoss fehim aħjar tal-approċċi alternattivi biex fil-ġejjieni tiġi żviluppata provvista tal-enerġija sikura, kosteffikaċi u b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju għall-Ewropa;
5. Jirrikonoxxi l-fatt li l-elettriċità minn sorsi b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju hija indispensabbli għad-dekarbonizzazzjoni, u dan jirrikjedi li jinkiseb settur tal-elettriku kważi mingħajr karbonju fl-UE sal-2050;
6. Jenfasizza l-importanza tal-politika enerġetika tal-UE f'nofs il-kriżi ekonomika u finanzjarja; jenfasizza r-rwol li għandha l-enerġija sabiex jiġu xprunati t-tkabbir u l-kompetittività ekonomika u l-ħolqien tax-xogħol fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni ttipponi strateġiji għal wara l-2020 u ttipprezenta, mill-iktar fis possibbli, qafas ta' politika 2030 għall-politika enerġetika tal-UE; jemmen li dan il-qafas ta' politika għandu jkun konsistenti mal-aġenda ta' dekarbonizzazzjoni u għandu jqis l-opzjonijiet ta' "mingħajr dispjaċir" identifikati fil-Pjan Direzzjonali; jitlob biex tittieħed azzjoni ħalli jiġi mminimizzata l-impatt negattiv tas-settur tal-enerġija fuq l-ambjent, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-effetti tal-azzjoni meħuda fuq il-kompetittività tal-ekonomiji nazzjonali u l-ekonomija tal-UE, kif ukoll fuq is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija taċ-ċittadini;
7. Jenfasizza s-sitwazzjoni allarmanti waqt l-ewwel xhur tal-2013 fil-Bulgarija u l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm prezzijiet tal-elettriku baxxi permezz tal-politika tal-UE dwar l-enerġija li tiggarantixxi l-kompetittività tal-ekonomiji tal-Istati Membri fuq is-suq globali; u speċjalment waqt il-kriżi ekonomika dan l-aspett irid jitqies;
8. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-ambjent u l-klima mingħajr ma jiġu kkunsidrati sfidi bħalma huma s-sigurtà tal-enerġija, ma tistax tissostitwixxi politika enerġetika mwettqa skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli, li tiggarantixxi lill-ġenerazzjonijiet attwali u futuri aċċess ġust, universali u kompetittiv għar-riżorsi tal-enerġija filwaqt li jitħares l-ambjent naturali;
9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi attwali tagħhom biex jilhqqu l-miri 2020 attwali fil-qasam tal-politika enerġetika tal-UE, b'mod partikolari l-mira ta' effiċjenza fl-enerġija ta' 20 % li attwalment mhux fit-triq it-tajba; jenfasizza li l-implimentazzjoni f'waqtha u sħiħa tad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ⁽¹⁾ hija ta' importanza vitali għall-kisba tal-mira vinkolanti tal-UE ta' mill-inqas 20 % sal-2020;

⁽¹⁾ Direttiva 2009/28/KE tat-23 ta' April 2009, ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16. Attwalment qed tiġi diskussa proposta ta' emenda (COM (2012)0595).

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

10. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta l-istrategġija tal-ispeċjalizzazzjoni tal-enerġija reġjonali, sabiex ir-reġjuni jkunu jistgħu jiżviluppaw dawk is-sorsi ta' enerġija li jipprovdu l-mezzi l-iktar effiċjenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet Ewropej tal-2050, bħalma huma l-enerġija solari fin-Nofsinhar u r-riħ fit-Tramuntana;

11. Jemmen li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u effiċjenti mil-lat ta' użu tal-enerġija, hija opportunità mhux biss għas-sostenibilità iżda wkoll għas-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività fl-Ewropa, u li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jista' jkun ta' vantaġġ kompetittiv fis-suq globali li qed jikber għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-enerġija; jenfasizza li din hija opportunità għall-SMEs fl-UE li joperaw fis-suq tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li tagħti spinta eċċellenti lill-iżvilupp tal-intraprenditorija u tal-innovazzjoni u, possibilmnt, tipprovdi sors ewlieni għall-ħolqien tal-impjiegi;

12. Jenfasizza li politika ċara, koerenti u konsistenti u qafas regolatorju huma ta' importanza kbira biex jgħinu jstimulaw l-investimenti neċessarji għat-teknoloġiji "mingħajr dispjaċir", kif definit fil-Pjan Direzzjonali, b'mod ekonomikament effiċjenti u sostenibbli; jenfasizza l-oġettivi ewlenin tal-istrategġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u jitlob li tali approċċ politiku jitkompla anke wara l-2020; jinnota li sabiex tittieħed deċiżjoni infurmata u bbilanċjata dwar l-istrategġija ta' wara l-2020, se jkun meħtieġ li ssir reviżjoni tal-istrategġija eżistenti tal-2020; jenfasizza l-importanza ta' strategġija tal-enerġija bbażata fuq iż-żieda tas-sigurtà enerġetika tal-UE, il-kompetittività ekonomika u industrijali, il-ħolqien tal-impjiegi, l-aspetti soċjali u s-sostenibilità ambjentali permezz ta' miżuri bħall-użu ikbar ta' enerġija rinnovabbli, id-diversifikazzjoni tar-fornituri, tas-sorsi u tar-rotot ta' provvista, inklużi interkonnessjonijiet aħjar bejn l-Istati Membri, effiċjenza enerġetika u sistema tal-enerġija iktar effiċjenti u ottimizzata mfassla biex tagħti spinta lill-investimenti fil-produzzjoni ta' enerġija sostenibbli u fteknoloġija ta' riżerva u bilanċ;

13. Jinnota li s-swieq tal-karbonju li jiffunzjonaw u l-prezzijiet tas-sorsi tal-enerġija għandhom rwol ewlieni fid-determinazzjoni tal-imġiba tal-atturi tas-swieq, inklużi l-industrija u l-konsumaturi; jitlob qafas ta' politika għal wara l-2020 li għandu jiġi ggwidat mill-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u mir-regoli fuq perjodu twil sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà għall-atturi tas-swieq;

14. Ifakkar li hija l-kompetenza ta' kull Stat Membru li jiddefinixxi t-taħlita enerġetika tiegħu stess; jirrikonoxxi li l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 jikkomplementa l-isforzi nazzjonali, reġjonali u lokali biex tiġi mmodernizzata l-provvista tal-enerġija; jirrikonoxxi, għalhekk, il-ħtieġa li l-Istati Membri jaħdmu flimkien abbażi ta' oġettivi komuni; jenfasizza, barra minn hekk, li sabiex tinkiseb trasformazzjoni enerġetika li tkun ikkoordinata tajjeb, mal-Unjoni kollha, interkonnessa u sostenibbli, l-UE jrid ikollha rwol importanti ħafna – inkluż fl-iżgurar li l-politiki nazzjonali huma konsistenti mal-għanijiet u l-liġijiet tal-UE; ihegġegħ lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jkomplu jsegwu għażliet li jistgħu jissodisfaw l-għanijiet enerġetiċi fit-tul u l-miri tat-tibdil fil-klima tal-UE (kif maqbul mill-Kunsill) bħala parti mill-isforzi globali b'mod teknoloġikament divers, sostenibbli, ekonomikament effiċjenti, kompetittiv u sikur, bl-inqas tgħawwiġ tas-suq possibbli, u biex ikomplu bl-isforzi fil-livell nazzjonali sabiex jisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija kosteffikaċi, appoġġat, fost l-oħrajn, bl-istrumenti finanzjarji disponibbli tal-UE; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, il-merti li jiġi żvilupp appoġċ Ewropew ikkoordinat u, fejn xieraq, komuni, li għandu jippermetti l-karatteristiċi speċjali ta' sistemi tal-enerġija fuq skala żgħira u l-ħtieġa għall-flessibilità li tirriżulta minn dan;

15. Jenfasizza li huwa pilastru essenzjali tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE li s-sistemi tal-enerġija tal-Istati Membri tal-UE jiġu bbażati fuq ir-riżorsi tal-enerġija tagħhom stess u fuq il-kapaċità tagħhom li jaċċesawhom; jemmen, għalhekk, li minn din il-perspettiva jagħmel sens li l-Istati Membri jiżviluppaw dawk it-teknoloġiji tal-enerġija li għalihom għandhom il-potenzjal u l-esperjenza, u li jiggarrantulhom provvista kontinwa u stabbli ta' enerġija, filwaqt li jinżammu l-istandards ambjentali u klimatiċi;

16. Jirrimarka li x-xejra ewlenija tal-azzjonijiet ipplanati m'għandhiex tiffoka fuq, bħalma huwa attwalment il-każ, il-kisba ta' xenarji minn fuq għal isfel dwar l-għanijiet ta' tnaqqis, iżda pjuttost fuq l-implimentazzjoni ta' xenarji ta' azzjoni li jikkunsidraw kwistjonijiet bħall-potenzjalità eżistenti fl-Istati Membri, il-prospetti għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u ekonomikament effikaċi, u l-effetti globali tal-implimentazzjoni tal-politika proposta, sabiex b'hekk jiġu proposti għanijiet ta' tnaqqis għas-snin ta' wara (approċċ minn isfel għal fuq);

17. Jirrikonoxxi l-konklużjonijiet mil-huqa fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 li t-tranżizzjoni lejn settur enerġetiku sostenibbli fuq skala pan-Ewropea hija teknikament u ekonomikament fattibbli, u skont l-analiżi tal-Kummissjoni se tkun inqas għalja fuq perjodu ta' żmien fit-tul minn kontinwazzjoni tal-politiki attwali; Jirrikonoxxi l-konklużjonijiet mil-huqa fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li d-dekarbonizzazzjoni tas-settur enerġetiku fuq skala pan-Ewropea hija teknikament u ekonomikament fattibbli, u se tkun inqas għalja fuq perjodu ta' żmien fit-tul meta mqabbla max-xenarju tan-negozju normali;

18. Jemmen li l-għanijiet li għandhom jintlaħqu sal-2050 qatt ma jistgħu jintlaħqu sakemm l-UE ma terfax ir-responsabbiltajiet tagħha u jkollha rwol ewlieni fit-tranżizzjoni; speċjalment għal proġetti kbar bħall-bini ta' farms ta' turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta fil-Baħar tat-Tramuntana; jemmen li fir-rigward ta' infrastruttura transkonfinali li taffettwa lill-ħafna Stati Membri jew lill-Istati Membri kollha, l-UE għandha tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-proġetti prijoritarji u tiffunzjona bħala investitur ewlieni, u b'hekk tattira investimenti privati;

19. Jirrikonoxxi li l-importanza li dejjem qiegħda tikber tal-elettriku fit-taħlita tal-enerġija tal-ġejjieni teħtieġ li l-mezzi kollha ta' produzzjoni ta' enerġija elettrika b'livell baxx tal-karbonju (li jinkludu l-effiċjenza fil-konverżjoni, l-enerġija rinnovabbli, il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) u l-enerġija nukleari) se jeħtieġu li jintużaw sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-klima mingħajr ma tiġi compromessa s-sigurtà tal-provvista u l-kompetittività;

20. Jenfasizza li l-iżgurar ta' infrastruttura tal-enerġija transkonfinali żviluppata kompletament, u mekkaniżmu tal-iskambju tal-informazzjoni, fl-Unjoni huwa l-prekundizzjoni tas-suċċess tal-Pjan Direzzjonali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa ta' koordinazzjoni b'saħħitha bejn il-politiki tal-Istati Membri u azzjoni konġunta, solidarjetà u trasparenza fl-oqsma tal-politika tal-enerġija esterna, is-sigurtà tal-enerġija u investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija ġdida;

21. Jiddispaċiħ li l-Kummissjoni ma implimentatx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Konsulenza dwar il-Pjan Direzzjonali 2050 evalwat mill-pari; jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ verżjoni aġġornata tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija, li jieħu inkunsiderazzjoni dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

Elementi ewlenin ta' strateġija fit-tul

22. Jilqa' l-konklużjonijiet mil-huqa fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 li hemm similaritajiet bejn l-azzjonijiet li jridu jittieħdu fix-xenarji analizzati sabiex tiġi ttrasformata s-sistema enerġetika tal-UE; jilqa' f'dan il-kuntest il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li użu ikbar ta' enerġija rinnovabbli, effiċjenza enerġetika u infrastruttura tal-enerġija, inklużi sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti, huma l-għażliet ta' "mingħajr dispaċiħ", b'mod partikolari meta jkunu mmexxija mis-suq, indipendentement mid-direzzjoni speċifika magħżula biex tinkiseb "sistema enerġetika 2050 dekarbonizzata"; jistieden lill-Kummissjoni tesplora xenarju b'"effiċjenza enerġetika għolja u flimkien ma' użu għoli ta' enerġija li tiġġedded"; huwa tal-fehma li għażla dwar liema triq għandha tittieħed tgħin biex tiżdied iċ-ċertezza tal-investimenti;

23. Jemmen li l-kriżi finanzjarja għandha tintuża bħala opportunità sabiex il-mudell tal-UE tas-soċjetà jiġi ttrasformat f'ekonomija b'livell għoli ta' effiċjenza enerġetika, ibbażata kompletament fuq l-enerġija rinnovabbli u reżiljenti għall-klima;

24. Jirrikonoxxi li sehem ikbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika wara l-2020 huwa aspekt ċentrali ta' sistema enerġetika iktar sostenibbli; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li x-xenerji kollha esplorati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jassumu sehem ikbar ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika tal-UE ta' madwar 30 % tal-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030, u ta' mill-inqas 55 % fl-2050; jenfasizza li l-progress lejn politika dwar effiċjenza enerġetika aħjar tista' tiffaċilita sehem ikbar ta' enerġija rinnovabbli; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ġenerazzjoni deċentralizzata fl-estimi futuri; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tindika b'mod ċar l-ostakli finanzjarji, tekniċi u infrastrutturali li jfixklu t-tkabbir tal-ġenerazzjoni deċentralizzata fl-Istati Membri;

Effiċjenza Enerġetika

25. Jenfasizza li effiċjenza enerġetika u ffrankar enerġetiku mtejba se jkollhom rwol essenzjali fit-trasformazzjoni tas-sistema enerġetika, u li l-ilħuq tal-oġġettivi 2020 huwa prerekwiżit għal progress ulterjuri sal-2050; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jimplementaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika li ġiet adottata reċentement, u jirrakkomanda li l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-effiċjenza enerġetika jiġu integrati fil-kurrikuli nazzjonali tal-edukazzjoni fl-Istati Membri; jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu iżjed sforzi biex jinkludu ideat nazzjonali u jinvolvju lill-banek għall-iżvilupp nazzjonali u jappoġġaw l-iskambju tal-aħjar Prattiki; ifakkar li l-effiċjenza enerġetika, jekk tiġi implimentata b'mod xieraq, hija mod kosteffikaċi biex l-UE tilħaq l-għanijiet fit-tul tagħha fir-rigward tal-iffrankar tal-enerġija, it-tidbil fil-klima, u s-sigurtà enerġetika u ekonomika; jirrikonoxxi li l-ispostament lejn ekonomija iżjed effiċjenti mil-lat tal-enerġija jista' jħaffef it-tifrix ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, inaqqas l-importazzjonijiet ta' fjuwils fossili u jtejjeb il-kompetittività u t-tkabbir tal-industrija fl-Unjoni; jemmen li l-pass lejn politika aħjar ta' effiċjenza enerġetika għandu jiffoka fuq il-katina kollha tal-provvista u d-domanda tal-enerġija, inkluż it-trasformazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista, flimkien mal-konsum industrijali, tal-bini u tal-unitajiet domestiċi; jenfasizza li l-politika fit-tul tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika għandha tqiegħed it-tnaqqis tal-użu tal-enerġija fil-bini bħala element ċentrali, fid-dawl tal-fatt li r-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti tirrappreżenta potenzjal kbir ta' ffrankar tal-enerġija; jenfasizza li hemm bżonn li r-rata attwali u l-kwalità tar-rinnovazzjoni tal-bini jiżdiedu b'mos sostanzjali sabiex l-UE tkun tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija tal-istokk eżistenti tal-bini bi 80 % sal-2050, meta mqabbla mal-livelli tal-2010; jistieden, f'dan ir-rigward lill-Istati Membri jadottaw strateġiji ambizzjużi u fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini kif meħtieġ bid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

26. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' infrastruttura ġdida, modernizzata, intelliġenti u flessibbli, speċjalment grilji intelliġenti, sabiex tiġi permessa kapaċità iktar flessibbli ta' riżerva u bilanċ tal-enerġija, inklużi sistemi individwali ta' mikroġenerazzjoni ħżin, użu ġdid għall-elettriku (bħal vetturi tal-elettriku) u programmi ta' reazzjoni għad-domanda (inklużi arloġġi intelliġenti), u sistema Ewropea ta' grilji integrata kompletament sabiex, fost l-oħrajn, jiġu integrati s-sorsi kollha ta' enerġija madwar l-UE, kif intwera li huwa neċessarju; ifakkar li l-politiki ta' spiża ottimali huma differenti skont il-mudelli tad-domanda, il-potenzjal tal-provvista, il-karatteristiċi ġeografiċi u l-kuntest ekonomiku fil-livell lokali; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa urġenti tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi regolatorju stabbli u prevedibbli, kif ukoll mekkaniżmi tas-suq pan-Ewropej biex tiżdied il-flessibilità, inklużi l-assorbiment u l-ħżin tal-enerġija, u kofinanzjament tal-UE ta' proġetti infrastrutturali ta' interess komuni b'konformità mal-Linji Gwida tal-Infrastruttura tal-Enerġija u l-Faċilita Nikkollegaw l-Ewropa;

27. Jinnota li l-mezzi finanzjarji tal-UE u dawk nazzjonali, inklużi l-politiki baġitarji u ta' investiment, huma prerekwiżiti għall-bini ta' infrastruttura ġdida tal-enerġija fl-Ewropa, waqt li jiġu kkunsidrati kemm l-ispiża tal-bini ta' faċilitajiet ġodda u d-dekummissjonar ta' faċilitajiet skaduti u l-ispiża ta' programmi ta' riabilitazzjoni ambjentali u soċjali fir-reġjuni kkonċernati;

28. Jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga l-potenzjal, u t-teknoloġiji varji possibbli, tal-ħżin tal-enerġija fl-UE b'mod olistiku, permezz tal-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija tal-UE, inklużi l-kapaċitajiet tan-netwerk tal-enerġija, il-politiki dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni, titnaqqas id-dipendenza fuq l-enerġija minn barra l-UE u jinħolqu suq uniku ġenwin u kundizzjonijiet ugwali għas-suq tal-enerġija, bl-ogħla sigurtà possibbli tal-provvista tal-enerġija għall-ġejjieni;

Enerġija rinnovabbli

29. Jenfasizza li approċċ Ewropew ikbar fir-rigward tal-politika dwar l-enerġija rinnovabbli huwa kruċjali fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul; iħeġġeġ lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex itejbu l-kooperazzjoni, anki permezz ta' użu iktar wiesa' tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni pprovduti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli sabiex jottimizzaw l-effiċjenza tal-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli, inaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija rinnovabbli u jiżguraw li jsiru iktar investimenti fl-UE fejn ikunu l-iktar produttivi u effiċjenti, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru; jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti l-miri; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti tal-Kummissjoni bħala faċilitatur fil-koordinazzjoni, fl-appoġġ finanzjarju u fit-tħejji ta' sħarriġ adegwat ta' riżorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-potenzjal għall-Istati Membri, u jilqa' l-intenzjoni mħabbra tagħha li tfassal linji gwida għan-negozju tal-enerġija rinnovabbli; jinnota li l-enerġija rinnovabbli, fuq perjodu ta' żmien fit-tul, se timxi lejn iċ-ċentru tat-taħlita tal-enerġija fl-Ewropa, mill-iżvilupp tat-teknoloġija għall-produzzjoni tal-massa u l-użu, minn skala żgħira għal skala akbar, bl-integrazzjoni ta' sorsi lokali u aktar remoti, u minn enerġija sussidjata għal waħda kompetittiva; jenfasizza li l-użu li dejjem qed jiżdied tal-enerġija rinnovabbli jirrikjedi bidliet fil-politika u fl-istruttura tas-suq tal-enerġija bl-għan li s-swieq jiġu adattati għal din ir-realtà u tinkiseb integrazzjoni ikbar tas-suq, b'mod partikolari fil-premjazzjoni ta' flessibilità u servizzi għall-istabbiltà tas-sistema tal-grilji; jenfasizza l-importanza ta' oqfsa regolatorji stabbli, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri sabiex jiġi stimulat l-investiment; jenfasizza l-bżonn ta' proċeduri amministrattivi ssimplifikati u skemi ta' appoġġ stabbli u effiċjenti li jistgħu jiġu adattati maż-żmien u jitneħħew gradwalment meta t-teknoloġiji u l-ktajjen ta' provvista jimmaturaw u jsiru kompetittivi u jiġu riżolti l-fallimenti tas-suq; jenfasizza madankollu li t-tibdil retroattiv fl-iskemi ta' appoġġ għandu effett detrimental fuq il-fiduċja tal-investituri u b'hekk iżid ir-riskji assoċjati mal-investimenti u l-ispejjeż tagħhom;

30. Jirrikonoxxi li l-miri tal-enerġija rinnovabbli kienu suċċess, u jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplementaw il-politiki stabbli meħtieġa sabiex jilhq u l-miri tagħhom tal-2020;

31. Ifakkar ir-rwol ta' proġetti bħal Desertec u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fir-reġjuni tal-viċinat; jenfasizza l-prospett tal-"Proġett Helios" fit-trasport tal-elettriku prodott b'enerġija rinnovabbli mill-Ewropa tax-Xlokk għall-Ewropa Ċentrali kif ukoll l-espansjoni ulterjuri tal-enerġija tar-riħ fil-Baħar tat-Tramuntana u reġjuni oħra; jenfasizza li l-opportunità tal-importazzjoni tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli minn reġjuni tal-viċinat teħtieġ li tiġi kumplementata billi jiġi inkoraġġut u ffaċilitat l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, pereżempju fin-Nofsinar tal-Mediterran u fir-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana, u permezz ta' iżjed interkonnessjonijiet fin-netwerks Ewropej;

32. Jenfasizza li, għal bosta riżorsi tal-enerġija rinnovabbli, attwalment huwa impossibbli li tiġi żgurata provvista stabbli tal-enerġija skont il-kundizzjonijiet teknoloġiċi attwali, u dan jinvolvi l-ħtieġa li jinżammu riżervi ta' sorsi ta' enerġija konvenzjonali fuq stennija; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tippreżenta analiżi ta' kif is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jiġu żviluppati b'mod sostenibbli u fuq kollox, kif jistgħu jiġu jappoġġati sorsi stabbli ta' enerġija rinnovabbli; jikkunsidra li, fil-każ ta' sorsi ta' enerġija inqas stabbli, għandha titwettaq analiżi fuq il-kosteffikaċja li tiġi żgurata enerġija ta' riżerva, u għandhom jiġu żviluppati teknoloġiji li jaħżnu l-enerġija;

33. Jenfasizza li sabiex tintlaħaq id-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE fuq perjodu twil, hemm hteġa li tiġi segwita integrazzjoni iżjed mill-qrib mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-viċinat bħan-Norveġja, l-Isvizzera u n-nofsinar tal-Mediterran; jenfasizza li l-Ewropa tista' tibbenefika mill-iżvilupp tas-sorsi rinnovabbli sostanzjali ta' enerġija f'dawn ir-reġjuni sabiex jintlaħqu kemm id-domanda lokali kif ukoll, bl-iżvilupp tal-interkonnessionijiet tal-grilja fuq distanza twila, perċentwal limitat tad-domanda tal-UE; jinnota li interkonnessioni ikbar se tippermetti lill-Istati Membri jespertaw u jimpurtaw elettriku rinnovabbli sabiex jiżguraw provvista tal-enerġija affidabbli, u jibbilanċaw il-ġenerazzjoni varjabbli tal-enerġija bħar-riħ; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-interkonnessioni man-Norveġja toffri vantaġġ partikolari għall-UE minħabba li tiftaħ l-aċċess għall-kapaċitajiet sinifikanti ta' ħżin tal-elettriku tal-impjanti idroelettriċi Norveġiżi;

34. Jenfasizza l-importanza tal-mikroġenerazzjoni sabiex jiżdied is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tal-mikroġenerazzjoni biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika, tiġi garantita l-provvista tal-enerġija u sabiex iċ-ċittadini jkunu involuti fl-użu tal-enerġija tagħhom stess u fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-hteġa ta' strateġija koerenti tal-UE dwar il-mikroġenerazzjoni li tinkludi miżuri dwar l-aġġornament tal-infrastruttura tal-enerġija, it-tnaqqis tal-piżijiet leġiżlattivi u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-inċentivi fiskali;

35. Jenfasizza l-hteġa li jiġi żgurat qafas ta' politika b'saħħtu biżżejjed għal wara l-2020 għat-teknoloġiji tal-enerġiji rinnovabbli li jkunu għadhom ma laħqux il-parità tal-grilja, imfassla bl-għan tal-konverġenza tas-sussidji u tal-eliminazzjoni gradwali tagħhom fi stadju iktar 'il quddiem;

36. Jinnota li x-xenarji tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 jimplikaw ammont ikbar ta' bijokarburanti; jemmen li, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-pass lejn il-bijokarburanti tat-tielet ġenerazzjoni bbażati fuq il-prodotti tal-iskart tal-għeġjel tal-ikel, u timponi kundizzjonijiet simili fuq il-bijokarburanti impuratati;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar kif tista' tiżdied l-effiċjenza fil-mobilizzazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u r-reġjuni tagħha; jemmen li, f'perjodu ta' żmien medju, jistgħu jinħolqu gruppi tas-suq għall-produzzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-livell reġjonali;

38. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jappoġġaw u jippromwovu politiki globali ta' swieq miftuħa għall-oġġetti rinnovabbli sabiex jiżguraw it-tneħħija tal-ostakli kollha għall-kummerċ, sabiex b'hekk jagħtu spinta lill-kompetittività tal-UE permezz tal-promozzjoni tal-esportazzjonijiet tat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli;

39. Jirrikonoxxi li l-miri tal-enerġija rinnovabbli kienu suċċess u għandhom jittawlu sal-2030; jistieden lill-Istati Membri sabiex ikomplu fit-triq it-tajba ħalli jilħqu l-miri tagħhom għall-2020; huwa mħasseb biż-żieda fit-tibdil dejjem iktar ta' malajr tal-Istati Membri sabiex jappoġġaw mekkaniżmi għall-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari t-tibdil retroattiv u l-iffriżar tal-appoġġ; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja b'attenzjoni l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u tiegħu azzjoni jekk ikun meħtieġ; jistieden lill-Istati Membri sabiex jipprovdu oqfsa stabbli għal investimenti fl-enerġija rinnovabbli, inklużi skemi ta' appoġġ stabbli u li jiġu riveduti regolament u proċeduri amministrattivi ssimplifikati;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu b'mod sinifikanti s-somom allokati għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur;

Infrastruttura u s-suq intern tal-enerġija

41. Jenfasizza li, hekk kif l-UE ssegwi l-għan ta' sigurtà u indipendenza enerġetika, jeħtieġ li l-enfasi tkun iktar fuq mudell ta' interdipendenza enerġetika bejn l-Istati Membri billi jiġi żgurat l-ikkompletar rapidu tas-suq intern tal-enerġija tal-UE u tal-infrastruttura supergrid u intelliġenti tal-UE li tgħaqqad it-Tramuntana, in-Nofsinar, il-Lvant u l-Punent, kif ukoll billi jintuża l-potenzjal sħiħ tal-produzzjoni tal-enerġija deċentralizzata u fuq skala mikro u l-infrastrutturi intelliġenti tal-enerġija fl-Istati Membri kollha; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-iżviluppi politiki u regolatorji fl-Istati Membri jkunu kompletament konformi mat-tliet pakketti ta' liberalizzazzjoni, jeliminaw il-konġestjonijiet infrastrutturali pendenti u l-fallimenti tas-suq u ma johlqux ostakli ġodda għall-integrazzjoni tas-suq tal-elettriku u l-gass; jenfasizza, barra minn hekk, li d-deċiżjonijiet tal-politika tal-enerġija f'kull sistema nazzjonali jeħtieġ li jqisu wkoll kif tali deċiżjonijiet jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħrajn; jissuġġerixxi li hu mixtieq li jkun iddeterminat jekk u kif il-kompetenzi u l-faċilitajiet tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) jistgħu jkunu użati fil-prestazzjoni tal-kompiti msemmija hawn fuq;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

42. Jirrikonoxxi li l-proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija huma kkaratterizzati minn investment bil-quddiem li se jiġi mnaqqas sew permezz ta' sfruttar sħiħ tal-opportunitajiet tal-iffrankar tal-enerġija u sa tul ta' ħajja operattiva ta' 20 u 60 sena; ifakkar li l-ambjent attwali tas-suq huwa imprevedibbli ħafna, u li b'hekk l-investituri jkunu inċerti fir-rigward tal-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija; jenfazizza li għandhom jiġu promossi strateġiji ġodda, inkluża l-istrateġija ta' 'ffrankar ta' enerġija fuq kollox', u strumenti innovattivi sabiex titnaqqas il-ħtieġa għal investimenti fl-infrastruttura li jippermettu adattament ta' malajr għall-ambjent li qed jinbidel b'pass mgħaġġel;

43. Jenfazizza l-ħtieġa li jiġu implimentati dawn il-politiki u r-regolamenti sabiex b'hekk l-infrastruttura enerġetika eżistenti tintuża aħjar għall-benefiċċju tal-konsumaturi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-ACER jissorveljaw b'mod aktar strett l-implimentazzjoni nazzjonali tar-regoli bħal dawk relatati mal-prinċipju "tużah jew titilfu";

44. Jenfazizza l-ħtieġa ta' suq Ewropew tal-enerġija kompletament integrat sal-2014; jinnota l-importanza ta' implementazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija fl-Istati Membri kollha u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru jew reġjun ma jibqa' iżolat min-netwerks Ewropej tal-gass u tal-elettriku wara l-2015; jenfazizza l-ħtieġa li jitqiesu l-impatt soċjali u l-ispejjeż tal-enerġija filwaqt li jiġi żgurat li l-prezzijiet tal-enerġija jkunu iktar trasparenti u jirriflettu aħjar l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż ambjentali fejn dawn mhux qed jitqiesu b'mod sħiħ;

45. Jinnota l-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni għal ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar il-politika enerġetika, billi dan il-mekkaniżmu huwa maħsub biex isaħħaħ it-trasparenza, il-koordinament u l-effiċjenza tal-politika fl-UE kollha kemm hi; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni rigward il-garanzija li ma jiġux stabbiliti ftehimiet li jkunu f'kunflitt mal-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija; iqis li l-Kummissjoni għandha tkun tista' teżamina l-abbozzi tal-ftehimiet għall-kompatibilità tagħhom ma' tali leġiżlazzjoni, u tipparteċipa fin-negozjati, meta jkun rilevant; iqis li l-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni jirrappreżenta pass lejn il-koordinazzjoni ulterjuri tax-xiri tal-enerġija barra mill-UE, li huwa ta' importanza kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050;

46. Jenfazizza l-ħtieġa li jiżdedu l-inċentivi tal-investituri fis-suq tal-enerġija billi tiżdied il-profitabbiltà u jiġu ffaċilitati – mingħajr ma jkun hemm illaxkar – il-proċeduri burokratiċi;

47. Jirrikonoxxi li l-kriżi finanzjarja għamlitha iktar diffiċli biex jinġibed l-investment meħtieġ biex tiġi ffinanzjata t-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija; jenfazizza l-isfidi l-ġodda, bħalma hija l-ħtieġa ta' riżorsi ta' riżerva u bilanċ flessibbli fis-sistema tal-enerġija (eż. ġenerazzjoni flessibbli, netwerk ta' trażmissjoni b'saħħtu, ħażna, ġestjoni tad-domanda, mikroġenerazzjoni u interkonnessjoni), sabiex tiġi ssodisfata ż-żieda mistennija fil-ġenerazzjoni varjabbli ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli; jenfazizza l-importanza tal-infrastruttura fil-livelli tad-distribuzzjoni u r-rwol importanti tal-konsumaturi proattivi u tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni (DSOs) fl-integrazzjoni fis-sistema ta' prodotti tal-enerġija deċentralizzati u miżuri tal-effiċjenza min-naħa tad-domanda; jenfazizza l-ħtieġa ta' valutazzjoni xierqa tal-kapaċità disponibbli fl-Ewropa, u tal-ħtieġa ta' interkonnessjonijiet suffiċjenti, u li jkun hemm kapaċità flessibbli ta' riżerva u bilanċ sabiex il-provvista tlaħħaq mad-domanda, u b'hekk tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku u l-gass; jindika li jekk tingħata prijorità oġhla lill-ġestjoni u lill-ġenerazzjoni tal-enerġija min-naħa tad-domanda, l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija deċentralizzati se tissaħħaħ sew, u dan itejjeb l-ilħuq tal-oġġettivi globali tal-politika tal-enerġija;

48. Jenfazizza li, minħabba li l-infrastruttura attwali hija skaduta, se jkunu meħtieġa investimenti kbar f'kull xenarju tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali 2050; jinnota li, f'kull xenarju, dan se jirriżulta f'żieda fil-prezzijiet tal-enerġija sal-2030; jinnota, barra minn hekk, li skont il-Kummissjoni, l-akbar sehem minn dawn iż-żidiet diġà qed iseħħu fix-xenarju ta' referenza peress li huma marbuta mas-sostituzzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni li għandha għoxrin sena u li diġà ġiet deprezzata kompletament;

49. Jenfazizza li s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea tiddependi fuq diversifikazzjoni ikbar fost is-sorsi ta' importazzjonijiet tagħha; jenfazizza, għalhekk, il-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ b'mod attiv il-kooperazzjoni tagħha ma' sħabha; jinnota d-dewmien li qed jaffettwa l-ikkompletar tal-Kuritur tan-Nofsinar; jenfazizza l-ħtieġa li tinkiseb sigurtà enerġetika permezz tad-diversifikazzjoni tal-enerġija, ifakkar il-kontribuzzjoni sinifikanti tal-gass naturali likwifikat (LNG) u tal-flotot tal-LNG għall-provvista tal-enerġija tal-UE, u jenfazizza l-potenzjal ta' kuritur komplementari tal-LNG fil-Mediterran tal-Lvant u r-reġjuni tal-Baħar l-Iswed, biex iservi bħala trasportatur flessibbli tal-enerġija u inċentiv għal kompetizzjoni ikbar fis-suq intern tal-enerġija tal-UE;

50. Ifakkar li s-sħubijiet strateġiċi tal-Unjoni mal-pajjiżi produttori u ta' transitu, partikolarment mal-pajjiżi koperti bil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), jeħtieġu strumenti adegwati, prevedibilità, stabbiltà u investimenti fit-tul; jenfasizza, għal dak l-għan, li l-oġġettivi tal-klima tal-Unjoni għandhom ikunu appoġġati bi proġetti tal-UE ta' investiment f'infrastrutturi orjentati lejn id-diversifikazzjoni tar-rotot ta' provvista u ż-żieda fis-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, bħal dak tan-Nabucco.

51. Ifakkar li, skont il-pakkett tas-suq intern, ir-rwol ewlieni għall-finanzjament tal-infrastruttura enerġetika huwa dak tal-parteċipanti tas-suq; jirrikonoxxi li xi proġetti innovattivi u strateġikament importanti li huma ġġustifikati minn perspettiva ta' sigurtà tal-provvista, solidarjetà u sostenibbiltà imma li ma jkunux jistgħu jattiraw biżżejjed finanzjament ibbażat fuq is-suq, jistgħu jirrikjedu appoġġ pubbliku limitat sabiex jattiraw finanzjament privat; jenfasizza li tali proġetti għandhom jintgħażlu abbażi ta' kriterji ċari u trasparenti u filwaqt li jiġi evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, u billi jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi, u għandhom ikunu konformi b'mod sħiħ mal-għanijiet fit-tul tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima;

52. Jenfasizza li l-bieċa l-kbira tax-xenarji tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 mhux se jkunu fattibbli mingħajr l-iżvilupp ta' grids ta' netwerks ta' distribuzzjoni lokali intelliġenti għall-elettriku u l-gass; jemmen li, flimkien mal-proġetti transkonfinali, l-Unjoni għandha tadotta miżuri biex tappoġġa l-ħolqien jew ir-rinnovazzjoni ta' grids lokali, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għall-konsumaturi protetti;

53. Jenfasizza l-importanza tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, fejn ammont konsiderevoli ta' fondi huwa riżervat għat-trasformazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-infrastruttura enerġetika fl-UE; jenfasizza l-importanza li jiġu identifikati u appoġġati proġetti kruċjali sostenibbli kemm fuq skala kbira kif ukoll fuq skala żgħira;

54. Jenfasizza r-rwol ta' approċċ ta' punt uniku ta' servizz fl-ikkomplementar tal-oġġettivi ta' simplifikazzjoni tal-UE biex tinqata' l-burokrazija żejda, sabiex b'hekk l-awtorizzazzjoni u l-proċeduri għal permess ikunu iktar rapidi u jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq il-kumpaniji li jkunu qed ifittxu awtorizzazzjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-infrastruttura enerġetika, filwaqt li jiġi garantit ir-rispett dovut tar-regoli u r-regolamenti applikabbli; jistieden lill-Istati Membri biex jirrevedu l-proċeduri tagħhom f'dan ir-rigward;

55. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod urġenti l-inċertezza regolatorja għall-investituri istituzzjonali fl-interpretazzjoni tat-tielet pakkett dwar l-enerġija meta jaġixxu bħala investitur passiv kemm fil-kapaċità ta' trażmissjoni kif ukoll ta' ġenerazzjoni;

56. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod urġenti l-kwistjoni tan-nuqqas ta' inċentivi għall-investimenti fil-grids intelliġenti għad-DSOs u għall-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni (TSOs) fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u teknoloġiji innovattivi oħra li jiffaċilitaw użu aħjar u akbar tal-grid eżistenti;

Dimensjoni soċjali

57. Jilqa' l-inklużjoni tad-dimensjoni soċjali fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050; iqis li, f'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-faqar enerġetiku u lill-impjeg; jinsisti, fir-rigward tal-faqar enerġetiku, li l-enerġija għandha tkun għall-but ta' kulħadd, u jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet lokali u l-korpi soċjali kompetenti, biex jaħdmu flimkien dwar soluzzjonijiet imfassla biex jiġu miġġielda kwistjonijiet bħall-faqar tal-elettriku u t-tisħin, b'enfasi speċjali fuq il-familji vulnerabbli bi dħul baxx li jintlaqtu l-aktar minn prezzijiet ogħla tal-enerġija; għalhekk, huwa tal-fehma li tali strateġija għandha tippromwovi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija billi dan huwa wieħed mill-modi l-aktar effikaċi biex jitnaqqsu l-kontinġent tal-enerġija, u għandha tanalizza l-miżuri nazzjonali bħat-tassazzjoni, l-akkwist pubbliku u l-ipprezzar tat-tisħin, eċċ., b'mod partikolari meta jkunu qed ifixxlu l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jew l-ottimizzazzjoni tal-produzzjoni u l-użu tas-sħana, u għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-prassi tajba u ħażina; jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati u kkomunikati aktar miżuri dwar l-effiċjenza enerġetika, li jiġu stimulati azzjonijiet ta' domanda u provvista u li jinħolqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jittejjbu l-bidliet meħtieġa fl-imġiba; jitlob lill-Istati Membri jirrapportaw fuq bażi regolari rigward azzjonijiet meħuda biex il-familji jiġu protetti minn kontinġent dejjem jiżdedu tal-enerġija u mill-faqar enerġetiku; jitlob lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-impjeg, biex tippromwovi miżuri għall-aġġustament tal-edukazzjoni, it-taħriġ mill-ġdid u l-kwalifika mill-ġdid sabiex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw forza tax-xogħol tas-sengħa li tkun lesta tagħti sehemha fit-tranżizzjoni enerġetika; jitlob lill-Kummissjoni biex, sa tmiem l-2013, tagħti lill-Parlament aktar informazzjoni dwar l-impatt ta' din it-tranżizzjoni fuq l-impjeg fis-setturi tal-enerġija, l-industrija u s-servizzi, u biex tiżviluppa mekkaniżmi konkreti biex tgħin lill-ħaddiema u lis-setturi konċernati; jirakkomanda li l-Istati Membri jqisu l-ispejjeż u l-benefiċċji esterni tal-ġenerazzjoni u l-konsum tal-enerġija, bħall-benefiċċji għas-saħħa minn titjib fil-kwalità tal-arja; iqis li djalogu soċjali dwar l-implikazzjonijiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija, li għandu jinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha, huwa fattur ewlieni u se jibqa' tali matul it-tranżizzjoni;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

58. Jirrimarka li l-adozzjoni ta' strateġija ta' dekarbonizzazzjoni li ma tikkunsidrax is-sitwazzjoni ta' xi Stati Membri tista' twassal għal żieda qawwija fil-faqar enerġetiku, li f'xi Stati Membri huwa deskritt bħala sitwazzjoni fejn iktar minn 10 % tal-baġit domestiku jintefaq fuq l-enerġija;

59. Jenfasizza l-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu protetti minn prezzijiet tal-enerġija għolja, u li n-negozji jiġu protetti minn kompetizzjoni inġusta kif ukoll minn prezzijiet artifiċjalment baxxi minn kumpaniji barra l-UE, skont ir-rakkomandazzjonijiet tas-Summit Rio+20 dwar ir-rwol imsaħħaħ tad-WTO;

60. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jagħtu spinta lill-istituzzjonijiet edukattivi li kapaċi jipproduċu forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, kif ukoll il-ġenerazzjoni li jmiss ta' xjenzati u innovaturi, f'oqsma bħall-forniment u l-użu tal-enerġija, is-sigurtà tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rwol importanti ta' Orizzont 2020 u tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija biex jitnaqqas id-distakk bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-implimentazzjoni fis-settur tal-enerġija;

61. Jixtieq jenfasizza r-rwol ċentrali tat-trasparenza tal-prezzijiet u l-informazzjoni tal-konsumaturi; huwa tal-fehma, għalhekk, li hija l-Kummissjoni li għandha tiddetermina, b'mod kemm jista' jkun eżatt, l-impatt ta' tali fatturi fuq il-prezzijiet tal-enerġija mħallsa mill-individwi u l-imprezzi fid-diversi xenarji magħżula;

Ir-rwol tas-sorsi speċifiċi tal-enerġija

62. Jemmen li t-tipi kollha ta' teknoloġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju se jkunu meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ambizzjuża tad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE b'mod ġenerali u s-settur tal-elettriku b'mod partikolari; jaċċetta l-fatt li se jibqa' inċert liema teknoloġiji se jkunu teknikament u kummerċjalment ippruvati fil-perjodu ta' żmien meħtieġ; jenfasizza li trid tinżamm il-flessibbiltà sabiex ikun hemm adattament għall-bidliet teknoloġiċi u soċjoekonomiċi li se jinqualghu;

63. Jirrikonoxxi li l-fjuwils fossili konvenzjonali x'aktarx jibqgħu parti mis-sistema tal-enerġija tal-anqas matul it-tranżizzjoni lejn sistema enerġetika b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;

64. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fid-dawl tal-lezzjonijiet li ttieħdu mill-aċċident ta' Fukushima tal-2011, biex titjieb is-sikurezza tal-enerġija nukleari, bl-użu tar-riżultati tat-testijiet reċenti tal-istress nukleari;

65. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-enerġija nukleari se tibqa' kontributor importanti peress li xi wħud mill-Istati Membri se jkomplu jaraw l-enerġija nukleari bħala sors sigur, affidabbli u affordabbli għall-ġenerazzjoni tal-elettriku b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju; jirrikonoxxi li l-analiżi tax-xenarju turi li l-enerġija nukleari tista' tikkontribwixxi biex l-ispejjeż tas-sistema u l-prezzijiet tal-elettriku jkunu aktar baxxi;

66. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-gass naturali se jkollu rwol importanti, fuq perjodu qasir sa medju ta' żmien, fit-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija, minħabba li jirrappreżenta mod relattivament rapidu u kosteffiċjenti biex titnaqqas id-dipendenza fuq fjuwils fossili oħra li jniġġsu iktar; filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa tad-diversifikazzjoni tar-rotot tal-provvista tal-gass naturali lejn l-Unjoni Ewropea; iwissi kontra investimenti li jistgħu jwasslu għal dipendenza "lock-in" fit-tul fuq il-fjuwils fossili;

67. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-gass naturali bħala sostenn flessibbli biex il-provvista varjabbli tal-enerġija rinnovabbli tiġi bbilanjata mal-ħżin, l-interkonnesjoni u r-rispons għad-domanda tal-elettriku; jikkunsidra li għandha tiġi kkunsidrata l-possibiltà ta' rwol akbar għall-gass, speċjalment fil-każ fejn it-teknoloġija għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju ssir disponibbli b'mod suffiċjenti; jemmen tabilħaqq li l-objettiv tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għandu jkun ċentrali għar-riflessjoni kollha li ssir dwar is-suġġett, u jiggwida bi prijorità l-għażliet tal-enerġija;

68. Huwa tal-fehma li r-rwol tal-gass likwifikat miż-żejt (LPG), bħala sors flessibbli u affidabbli tal-enerġija f'postijiet neqsin mill-infrastruttura, m'għandux jintesa;

69. Jisħaq fuq il-bżonn li jiġi ttrattat it-tkabbir mistenni fl-importazzjonijiet tal-gass u tal-elettriku minn pajjiżi terzi lejn l-UE fuq perjodu qasir u medju, bil-għan li l-provvista enerġetika tiġi żgurata; itenni li, għal xi reġjuni u Stati Membri, din l-isfida hija marbuta mill-qrib ma' dipendenza mill-importazzjonijiet ta' gass u ta' żejt minn pajjiżi terzi wieħed; jirrikonoxxi li biex tiġi affrontata din l-isfida hemm bżonn, fost l-oħrajn, rwol imsaħħaħ għar-riżorsi enerġetiċi lokali u rinnovabbli li huma essenzjali biex jiġu żgurati l-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista, kif ukoll azzjonijiet orjentati lejn id-diversifikazzjoni tal-portafoll tal-fornituri, ir-rotot u s-sorsi enerġetiċi; jirrikonoxxi li objettiv strateġiku wieħed f'dan ir-rigward huwa t-tweġġ tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u l-ksib tar-rotta tal-provvista lejn l-UE ta' madwar 10-20 % tad-domanda tal-UE għall-gass sal-2020, sabiex kull reġjun Ewropew ikun jista' jkollu aċċess fiżiku għal tal-anqas żewġ sorsi differenti ta' gass;

70. Jinnota li s-CCS jista' jkollu rwol fit-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni sal-2050; jinnota, madankollu, li s-CCS għadu fl-istadju tar-riċerka u l-iżvilupp; jinnota li l-iżvilupp tas-CCS għadu inċert ferm minħabba problemi li għadhom ma ġewx solvuti, bħad-dewmien mhux speċifikat, kostijiet għolja u preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-effiċjenza; jenfasizza li s-CCS, żviluppat b'mod ekonomikament effiċjenti, sikur u sostenibbli, irid jibda jintuża fuq skala kummerċjali mill-aktar fis possibbli; jenfasizza li s-CCS huwa wkoll opzjoni importanti għad-dekarbonizzazzjoni ta' diversi industrij intensivi fl-enerġija bħar-raffinar taż-żejt, it-tidwib tal-aluminju u l-produzzjoni tas-siment; jistieden lill-Kummissjoni f'fals rapport ta' nofs iż-żmien li jivvaluta r-riżultati miksuba mill-użu ta' proġetti ta' dimostrazzjoni sussidjati mill-UE għal impjanti li jaħdmu bil-faħam;

71. Jenfasizza l-importanza ta' intervenzjoni tal-politika, il-finanzjament pubbliku u ta' prezz tal-karbonju xieraq biex jintwera u jiġi żgurat l-użu bikri tat-teknoloġija tas-CCS fl-Ewropa mill-2020; jenfasizza l-importanza tal-programm ta' dimostrazzjoni tal-UE biex jinbnew aċċettazzjoni u appoġġ pubbliku għas-CCS bħala teknoloġija importanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

72. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippermetti u tippromwovi l-qsim tal-għarfien u l-kollaborazzjoni fl-UE u fuq livell internazzjonali biex jiġi żgurat li l-aħjar valur tal-inġinerija jiġi maqbud fuq skala fi proġetti ta' dimostrazzjoni ta' CCS; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-investiment bikri fl-infrastruttura tal-pajpijiet u biex tikkoordina l-ippjanar transkonfinali biex tiżgura aċċess għall-bjar tas-CO₂ mill-2020, u biex twettaq riċerka biex tikkaratterizza r-riservi ta' ħażna fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem b'mod attiv mal-Istati Membri u l-industrija biex tikkomunika l-benefiċċji u s-sikurezza tas-CCS sabiex tibni kunfidenza pubblika fit-teknoloġija;

73. Jinnota li l-iżvilupp u l-użu ottimali, sikuri u sostenibbli tar-riżorsi tal-enerġija domestiċi u reġjonali, kif ukoll il-kompetittività tal-infrastruttura meħtieġa għall-provvista stabbli ta' sorsi tal-enerġija domestika jew importata, jistgħu jikkontribwixxu għal iżjed sigurtà tal-enerġija, u għalhekk għandhom jikkostitwixxu prijorità meta tkun qed tissawwar il-politika dwar l-enerġija tal-UE;

74. Jinnota li, sakemm tkompli d-domanda għal prodotti bbażati fuq iż-żejt mhux raffinat, hu importanti li jibqa' jkun hemm preżenza Ewropea fl-industrija tar-raffinar sabiex tgħin fl-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista, fl-appoġġ tal-kompetittività tal-industrija aktar 'il quddiem fil-katina ta' proċessar bħall-industrija petrokimika, fl-istabbiliment ta' standards dinjijin għall-kwalità tar-raffinar taż-żejt, fl-iżgurar ta' konformità mar-rekwiżiti ambjentali u fil-preżervazzjoni tal-impjiegi f'dawk is-setturi; jenfasizza wkoll l-affermazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li ż-żejt x'aktarx li se jibqa' fit-taħlita enerġetika anki fl-2050, għalkem b'shem ferm anqas milli għandu llum, u prinċipalment se jintużaw għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri fuq distanza twila;

75. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk ir-reġjuni tal-Istati Membri fejn fil-preżent il-faħam huwa s-sors predominanti tal-enerġija u/jew fejn il-produzzjoni tal-faħam u l-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam huma sorsi ta' impjiegi reġjonali vitali; jemmen li se jkun hemm bżonn miżuri soċjali addizzjonali appoġġati mill-UE biex ix-xenarji tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 jiġu aċċettati mill-popolazzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni;

Sfidi globali fil-qasam tal-enerġija

76. Ifakkar, filwaqt li jirrikonoxxi li l-UE topera f'kundest globali u jekk taġixxi waħedha jaf ma tiksibx il-benefiċċji kollha mistennija, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill TTE ta' Novembru 2011 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tal-politika dwar l-enerġija tal-UE, li fihom il-Kunsill enfażizza l-ħtieġa għal approċċ aktar estensiv u koordinat tal-UE għar-relazzjonijiet internazzjonali dwar l-enerġija sabiex jintlaqgħu l-isfidi globali dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-kompetittività u r-rilokazzjoni tal-emmissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata provvista ta' enerġija sikura, żgura, sostenibbli u diversifikata;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

77. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà enerġetika u, eventwalment, l-awtosuffiċjenza tal-UE, li primarjament jintlaħqu bil-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, tal-iffrankar tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli, li flimkien ma' sorsi ta' enerġija alternattivi se jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet; jinnota l-interess li qed ifeġġ fir-rigward tal-esplorazzjoni tal-meded taż-żejt u l-gass fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed; jemmen li hemm bżonn urġenti li tiġi implimentata politika komprensiva tal-UE rigward it-tħaffir għaż-żejt u l-gass fil-baħar; jemmen li għandha titqiegħed enfasi fuq il-perikli potenzjali u fuq il-delinjazzjoni taż-żoni ekonomiċi esklużivi għall-Istati Membri kkonċernati u l-pajjiżi terzi rilevanti bi qbil mal-Konvenzjoni UNCLOS, li l-Istati Membri kollha, u għaldaqstant l-UE, huma firmatarji tagħha;

78. Jenfasizza li l-għoti ta' drittijiet biex jingħataw liċenzji għat-tħaffir u d-delinjazzjoni taż-żoni ekonomiċi esklużivi se jsir sors ta' twegħir ma' pajjiżi terzi, u l-UE għandha żżomm profil politiku għoli f'dan ir-rigward u tftitex li tipprekludi nuqqas ta' qbil fl-ivell internazzjonali; jenfasizza li l-enerġija għandha tintuża bħala xprun għall-paċi, għall-integrità ambjentali, għall-kooperazzjoni u għall-istabilità;

79. Jappella biex il-Pjan Direzzjonali UE-Russja għall-Enerġija jkun ibbażat fuq prinċipji ta' rispett reċiproku u ta' reċiproċità, b'bażijiet fir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u tat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta u teżegwixxi, b'mod effikaċi, ir-regoli tal-UE fil-qasam tas-suq intern u tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-impriżi kollha fis-settur enerġetiku li joperaw fit-territorju tal-Unjoni; jilqa', f'dan ir-rigward, l-investigazzjoni reċenti dwar l-imġiba antikompetittiva min-naħa ta' Gazprom u tas-sussidjarji Ewropej tagħha, u jiddeplora d-digriet politikament motivat tal-President tal-Federazzjoni Russa li jipprevjendi lill-kumpaniji tal-enerġija tagħha milli jikkooperaw mal-istituzzjonijiet tal-UE; jinsisti li kull impriża fis-settur tal-enerġija hija mistennija tikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet investigattivi, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reazzjoni xierqa għal dan id-digriet u tiżgura li l-investigazzjoni tkun tista' tipproċedi;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal ġabra komprensiva ta' prijoritajiet għall-politika enerġetika fuq żmien qasir, medju u twil li l-UE għandha tinsegwi fir-relazzjonijiet mal-ġirien tagħha bil-ħsieb li jiġi stabbilit spazju ġuridiku komuni bbażat fuq il-prinċipji u n-normi relatati mal-acquis tas-suq intern tal-enerġija; jisħaq fuq l-importanza li l-Komunità tal-Enerġija tkompli tiġi estiża, speċifikament biex tinkludi l-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, tal-Asja Ċentrali u tal-Mediterran, u li jinħolqu mekkaniżmi ta' kontroll ġuridiku maħsuba biex jittrattaw implimentazzjoni difettuża tal-acquis; jistieden lill-Unjoni turi solidarjetà fir-rigward ta' sħabha li huma parti mill-Komunità tal-Enerġija; jikkundanna, f'dan ir-rigward, it-theddid reċenti li l-Federazzjoni Russa għamlet fil-konfront tal-Moldova;

81. Jisħaq fuq il-fatt li l-politika enerġetika tal-UE bl-ebda mod ma għandha tikkontradixxi l-prinċipji bażiċi li fuqhom hija msejsa l-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex fir-relazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-enerġija tiffavorixxi lil dawk il-produtturi u l-pajjiżi ta' transitu li jikkondividu u jappoġġaw l-istess valuri;

82. Jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-kooperazzjoni u d-djalogu ma' sħab strateġiċi oħrajn fil-qasam tal-enerġija; jikkunsidra li l-influenza dejjem tikber tal-ekonomiji emerġenti fis-swieq globali tal-enerġija, kif ukoll it-tkabbir fid-domanda tagħhom għall-enerġija jagħmluha essenzjali għall-UE li timpenja ruħha ma' dawn is-sħab b'mod komprensiv, fl-oqsma kollha tal-enerġija; jinnota li, fuq żmien twil, l-Unjoni Ewropea għandha żżid il-koordinazzjoni fir-rigward tax-xiri tal-enerġija minn pajjiżi terzi; jappella għal kooperazzjoni eqreb bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) sabiex l-UE tkun tista' titkellem b'leħen wieħed dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-politika dwar l-enerġija, kif definita mil-leġiżlazzjoni tal-UE u minn indikazzjonijiet mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni; ifakkar li l-Parlament għandu jinżamm regolament informat dwar l-iżviluppi f'dan il-qasam;

83. Jisħaq fuq il-fatt li s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, mitluba mit-Trattat dwar l-UE, għandha tapplika kemm għall-attivitajiet ta' kuljum, kif ukoll għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-politika interna u esterna dwar l-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tagħti definizzjoni ċara ta' "solidarjetà enerġetika" sabiex tiżgura li din tiġi rispettata mill-Istati Membri kollha;

84. Jisħaq fuq il-fatt li mhux se jiġu kompromessi s-sikurezza u s-sigurtà kemm tas-sorsi ta' enerġija tradizzjonali (eż. nukleari) kif ukoll ta' dawk ġodda (żejt jew gass mhux konvenzjonali) u jemmen li l-UE għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-qafas dwar is-sikurezza u s-sigurtà u tiegħu rwol ta' mexxejja fl-isforzi internazzjonali f'dan il-qasam;

85. Jenfasizza li, waqt li l-Istati Membri jaħdmu għall-konnessjoni u l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom permezz ta' investimenti fl-infrastruttura u l-approvazzjoni ta' regolamenti komuni, għandhom isiru wkoll sforzi kontinwi għal kollaborazzjoni mar-Russja sabiex jiġu identifikati miżuri kreattivi u reċiprokament aċċettabbli li jkunu mmirati lejn it-tnaqqis tad-diskrepanzi bejn iż-żewġ swieq tal-enerġija;

86. Jisħaq fuq il-fatt li peress li l-provvista tal-enerġija qed ixxaqleb lejn l-ekonomiji li qed jiżviluppaw, l-UE għandha tinvolvi ruħha fi djalogu u kooperazzjoni intensivi mal-pajjiżi BRICS fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-faħam nadif, is-CCS, il-grids intelliġenti, ir-riċerka dwar il-fużjoni, u s-sikurezza nukleari; l-UE għandha tiżviluppa wkoll politika ċara għal kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-enerġija ma' dawk il-pajjiżi;

87. Jistieden lill-UE tkompli tiżvolġi rwol attiv fin-negozjati internazzjonali dwar il-ftehim globali dwar il-klima; jisħaq fuq il-fatt li l-UE teħtieġ tkun taf xi jkunu l-konsegwenzi jekk tfalli l-konklużjoni ta' ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima; jiddispaċi li l-Pjan Direzzjonali ma jippreżentax xenarju għall-każ li ma jintlaħaq ebda ftehim ta' dan it-tip; jisħaq fuq il-fatt li l-kisba ta' ftehim globali legalment vinkolanti dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet – u l-involvement fil-proċess tal-pajjiżi bl-aktar emissjonijiet fid-dinja bħaċ-Ċina, l-Indja, l-Istati Uniti u l-Brażil – se żżid iċ-ċansijiet li jinkiseb tnaqqis veru fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra; jindika l-ħtieġa li jkun hemm reazzjoni għall-isfida li tikkawża r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju billi jiġi evitat li l-industriji li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija jiġu rilokati barra mill-UE;

Skema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS)

88. Jirrikonoxxi li l-ETS hija attwalment l-istrument prinċipali – għalkemm mhux l-uniku – għat-tnaqqis tal-emissjonijiet industrijali b'effett ta' serra u għall-promozzjoni tal-investiment fit-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju li jkunu sikuri u sostenibbli; jinnota li hemm bżonn ta' titjib strutturali tal-ETS sabiex tiżdied il-kapaċità tas-sistema li tirreaġixxi għat-tendenzi pożittivi u negattivi ekonomiċi, li treġġa' lura ċ-ċertezza tal-investituri u li ssaħħaħ l-inċentivi bbażati fis-suq għall-investiment fit-teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u għall-użu tagħhom; jinnota li kwalunkwe tibdil strutturali li jsir għall-ETS jirrikjedi valutazzjoni komprensiva tal-effetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali, kif ukoll tal-impatt fuq l-investimenti f'enerġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, fuq il-prezz tal-elettriku u fuq il-kompetittività tal-industriji li jagħmlu użu intensiv tal-enerġija, b'mod partikulari fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi, sikuri u sostenibbli mill-industriji Ewropej;

89. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq mill-aktar fis valutazzjoni addizzjonali b'suġġerimenti għal azzjonijiet rakkomandati għall-prevenzjoni tar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju minħabba r-riallokazzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni 'l barra mill-UE, li tkun tiffoka b'mod partikulari fuq xenarji addizzjonali fejn tittieħed azzjoni globali limitata jew ma tittieħed l-ebda azzjoni ta' dan it-tip rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju;

90. Jenfasizza li s-setturi li mhumiex fl-ETS jikkawżaw madwar 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-UE, u li hu essenzjali li jiġi żgurati li, b'mod konkomitanti mal-ETS, anke s-setturi li mhumiex fl-ETS ikunu qed iwettqu r-responsabilità tagħhom li jrażżnu l-emissjonijiet; jisħaq fuq il-bżonn għal gwida politika fuq il-livell tal-UE u li jittieħdu azzjonijiet konkreti biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni;

91. Jirrikonoxxi li l-ETS qed tesperjenza problemi li oriġinarjament ma ġewx antiċipati, u li l-eċċess li qed jakkumula ta' kwoti se jnaqqas l-inċentiv għall-promozzjoni ta' investimenti f'enerġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju għal ħafna snin fil-ġejjieni; jinnota li dan jipperikola l-effiċakja tal-ETS bħala l-mekkaniżmu prinċipali tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'tali mod li jinħolqu kundizzjonijiet indaqs għat-teknoloġiji li jikkompetu bejniethom, li tingħata l-flessibilità lill-kumpaniji biex jiżviluppaw l-istrateġija ta' mitigazzjoni proprja tagħhom u li jipprevedi miżuri speċifiċi kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri ħalli jitranġaw in-nuqqasijiet tal-ETS u tkun tista' tiffunzjona kif maħsub oriġinarjament; jissuġġerixxi li dawn il-miżuri jkunu jinkludu:

- (a) il-preżentazzjoni malajr kemm jista' jkun ta' rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li għandu jeżamina, fost aspetti oħra, l-impatti fuq l-inċentivi għal investimenti f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; qabel il-bidu tat-tielet fażi, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, temenda r-regolament imsemmi fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE biex timplimenta l-miżuri xierqa, li jstgħu jinkludu ż-żamma tal-ammont neċessarju ta' kwoti.
- (b) il-proposta għal leġiżlazzjoni kemm jista' jkun malajr biex jiġi mmodifikat ir-rekwiżit annwali għal tnaqqis lineari ta' 1,74 % sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-mira ta' tnaqqis tas-CO₂ għall-2050;
- (c) it-tweġiq u l-pubblikazzjoni ta' valutazzjoni tas-siwi li jiġi stabbilit prezz ta' riserva għall-irkant tal-kwoti;
- (d) it-teħid ta' passi biex tiddaħħal iżjed informazzjoni rilevanti fir-reġistru tal-ETS u biex tiżdied it-trasparenza ta' dan ir-reġistru, sabiex ikun jista' jkun hemm monitoraġġ u valutazzjoni aktar effikaċi;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013***Riċerka, riżorsi umani, teknoloġiji ġodda u fjuwils alternattivi***

92. Jemmen li l-prezzijiet għandhom rwol kruċjali fl-investment relatat mal-enerġija u fil-produzzjoni tal-enerġija; jinnota li l-politiki differenti tal-Istati Membri biex jipromwovu l-enerġija rinnovabbli għandhom jitqiesu bħala kurva tat-tagħlim; huwa tal-fehma li l-prezz reċenti, relattivament għoli tal-fjuwils fossili se jipromwovi l-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli sakemm jitneħħew il-fallimenti tal-politika u tas-swieq; jirrakkomanda li l-Istati Membri jipromwovu u jappoġġjaw skemi ta' appoġġ aktar effiċjenti għall-enerġija rinnovabbli sabiex jiġu minimizzati ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tesplora alternattivi għal sistema Ewropea aktar koordinata, konverġenti u integrata tal-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli;

93. Jemmen li ż-żieda fil-kontinuità tal-enerġija fl-UE matul is-snin reċenti żviluppata approċċ "intelliġenti" u bbażat fuq is-sens komun biex jitnaqqas l-użu tal-enerġija permezz tal-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar enerġetiku; jisħaq fuq l-importanza li din il-bidla naturali għalkemm insuffiċjenti fl-imġiba tiġi akkumpanjata minn azzjonijiet ta' politika tajbin, u b'appoġġ finanzjarju, sabiex jiżjed aktar l-iffrankar enerġetiku; jenfasizza l-ħtieġa li l-konsumaturi jiġu stimolati biex jiġġeneraw l-enerġija tagħhom stess; jenfasizza li r-rwol tal-ICT u l-implimentazzjoni tagħhom permezz tan-netwerks tal-grids intelliġenti qed isiru dejjem iktar importanti għall-iżvilupp ta' konsum enerġetiku effiċjenti u, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' programmi ta' rispons għad-domanda (inklużi arloġġi intelliġenti), li għandhom jgħinu lill-konsumaturi jsiru partijiet interessati attivi fl-effiċjenza enerġetika billi jiġu pprovduti b'deja li tinftiehem malajr u f'ħin reali dwar il-konsum tal-enerġija fid-djar u n-negozji, u dwar l-ammont żejjed li jintbagħat lura lill-grid, kif ukoll b'informazzjoni dwar il-miżuri u l-possibilitajiet tal-effiċjenza enerġetika;

94. Jemmen li l-infrastruttura enerġetika għandha tkun aktar orjentata lejn l-utent finali, b'fokus aktar qawwi fuq l-integrazzjoni bejn il-kapaċitajiet tas-sistema ta' distribuzzjoni u l-konsum, u jenfasizza l-ħtieġa ta' flussi f'ħin reali, bidirezjonali ta' enerġija u ta' informazzjoni; jindika l-benefiċċji għall-konsumaturi tat-teknoloġiji l-ġodda bħall-ġestjoni tal-enerġija għan-naħa tad-domanda u s-sistemi ta' rispons għad-domanda, li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-provvista u d-domanda;

95. Jemmen li l-implimentazzjoni ta' grids intelliġenti hija kwistjoni ta' urġenza, u li mingħajrhom, l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni distribwita ta' enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza fil-konsum tal-enerġija (li huma l-bażi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Pakkett dwar il-Klima u l-Enerġija 20/20/20) ma jkunux possibbli;

96. Jenfasizza r-rwol tal-grids intelliġenti fil-komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn il-produtturi tal-elettriku u l-konsumaturi, u jirrimarka li l-grids intelliġenti jistgħu jippermettu lill-konsumaturi josservaw u jadattaw l-użu tagħhom tal-elettriku; jirrimarka li programmi b'saħħithom għall-protezzjoni tad-dejta personali u għall-edukazzjoni tal-konsumatur, bħal kampanji ta' informazzjoni fl-iskejjel u fl-universitajiet, huma essenzjali, b'mod partikolari jekk il-miters intelliġenti għandu jkollhom impatt reali; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni relevanti tkun disponibbli f'websajts għall-konsumaturi u li l-atturi relevanti kollha – bħal bennejja, periti, u fornituri ta' tagħmir ta' tisħin, tkessiħ u ta' tagħmir tal-elettriku – għandhom jiksbu informazzjoni aġġornata u jqabblu l-prezzijiet u s-servizzi u, abbażi ta' dak, jagħżlu l-fornitur tal-enerġija l-aktar xieraq għall-iskopijiet tagħhom;

97. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li Orizzont 2020 u s-Sħubija Ewropej għall-Innovazzjoni taħt l-Unjoni tal-Innovazzjoni jagħtu prijorità lill-ottimizzazzjoni tas-sistema enerġetika u l-bżonn li jiġu żviluppati t-tipi kollha ta' teknoloġiji b'emissjoni baxxa ta' karbonju, sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE, ikunu promossi l-opportunitajiet ta' impjegi u jiġu stabbiliti inċentivi sabiex l-enerġija tintuża b'mod responsabbli; jappoġġja, f'dan ir-rigward, il-miri tal-Pjan Strateġiku tal-UE dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija u tal-Inizjattivi Industrijali Ewropej assoċjati; jenfasizza li l-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fil-kost tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' titjib teknoloġiku u innovazzjoni għandhom jingħataw ukoll l-oġġla prijorità billi, fost l-oħrajn, jiġi allokat sehem akbar tal-baġits tar-riċerka pubblika għar-riċerka tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika, partikolarment f'Orizzont 2020 u l-pjan SET;

98. Isostni li riċerka fi fjuwils alternattivi ġodda hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi u ambjentali fuq tul ta' żmien u għalhekk jistenna li l-programm Horizon 2020 jipprovi l-inċentivi neċessarji;

99. Jisħaq fuq l-importanza ta' riċerka u żvilupp ulterjuri minn istituzzjonijiet pubbliċi, u mill-industrija, biex jitjiebu u jiżiedu l-effiċjenza enerġetika, u l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-gass naturali, fis-setturi tat-toroq, marittima u tal-avjazzjoni;

Tisħin u Tkessiħ:

100. Jitlob biex tingħata aktar attenzjoni lis-setturi tat-tisħin u t-kessih; jistieden lill-UE, f'dan ir-rigward, biex tqis l-integrazzjoni sħiħa tas-settur tat-tisħin u t-kessih fit-trasformazzjoni tas-sistema enerġetika; jinnota li dan is-settur illum jirrappreżenta madwar 45 % tal-konsum finali tal-enerġija fl-Ewropa, u li huwa meħtieġ fehim aħjar tar-rwol importanti tat-

tisħin u t-tkessiħ; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiġbor id-dejta meħtieġa li tirrifletti s-sorsi tal-enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ u l-użu tagħhom, kif ukoll id-distribuzzjoni tas-sħana lill-gruppi differenti tal-konsumaturi finali (pereżempju residenzjali, tal-industrija u tas-settur terzjarju); iħeġġeġ l-iżvilupp ta' impjanti tas-sħana u enerġija kkombinati li jużaw sħana rinnovabbli jew irkuprata u s-sħana mill-iskart, u jappoġġa r-riċerka ulterjuri dwar sistemi ta' tkessiħ u tisħin bl-għan li titwettag il-politika ambizzjuża tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi biex jaġġornaw previżjonijiet ta' domanda fl-Orizzont 2020 u biex jipproduċu valutazzjonijiet tal-impatt tal-kundizzjonijiet reġjonali ta' taħt l-art sabiex tiġi ottimizata l-allokazzjoni tar-riżorsi; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jallokaw iżjed finanzjamenti għall-infrastrutturi tal-enerġija lokali, bħat-tisħin u t-tkessiħ tad-distretti – inkluż permezz tal-R&D u l-istrumenti finanzjarji innovattivi – li jġibu magħhom soluzzjonijiet effiċjenti u ta' użu baxx jew l-ebda użu tal-karbonju li jissostitwixxu l-importazzjoni u l-iskambju/trasport mal-Ewropa kollha tal-enerġija; jinnotta li soluzzjonijiet rinnovabbli disponibbli b'mod faċli (il-ġeotermali, il-bijomassa inkluż l-iskart bijodegradabbli, it-termali solari u l-idro/aerotermiku), flimkien ma' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, għandhom il-potenzjal li jiddekarbonizzaw id-domanda ta' sħana sal-2050 b'mod kosteffikaċi, filwaqt li tiġi indirizzata l-problema tal-faqar enerġetiku;

Rimarki finali

101. Jilqa' l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni li jmiss dwar is-CCS, dwar is-suq intern, dwar l-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji enerġetiki bil-għan li jsir progress ulterjuri fir-rigward tal-għażliet politiċi identifikati fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050;

102. Jemmen li sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni tal-fruntieri esterni tal-UE billi jiġi appoġġat in-netwerking u l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-enerġija ġodda b'kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien;

103. Jinnotta li l-kundizzjonijiet ġeografiki differenti jagħmluha impossibbli li tiġi applikata politika tal-enerġija b'daqx wieħed għal kulħadd għar-reġjuni kollha; jemmen – minkejja l-kriterji għal azzjoni komuni u filwaqt li huwa konxju tal-bżonn li jkun hemm konformità mal-oqfsa ta' politika tal-UE – li kull reġjun Ewropew għandu jitħalla jsegwi pjan individwali mfassal għas-sitwazzjoni u l-ekonomija tiegħu, jiżviluppa daww is-sorsi ta' enerġija sostenibbli li jistgħu jissodisfaw bl-aktar mod effikaċi l-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, u jfakkar li l-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli b'mod partikolari għandha rwol ċentrali f'termini ta' żvilupp u impjieġ kemm f'żoni rurali kif ukoll mhux rurali; jistieden, għalhekk, lir-reġjuni biex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji tal-enerġija, u biex jikkunsidraw li jinkludu l-enerġija fl-istrateġiji tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom għal speċjalizzazzjoni intelliġenti;

104. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza, tas-sorveljanza demokratika u tal-involvement tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija;

105. Jenfasizza l-importanza li jitnaqqas il-konsum totali tal-enerġija, u li tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija, fis-settur tat-trasport, inkluż permess tal-ippjanar tat-trasport u l-appoġġ lit-trasport pubbliku fil-livell tal-Istati Membri; jisħaq ukoll li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli taħt il-programm tan-Netwerk Trans-Ewropew għat-trasport u għall-enerġija (TEN-T u TEN-E) għandhom jitħaffu;

106. Huwa tal-opinjoni li l-għan tad-dekarbonizzazzjoni globali jeħtieġ tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tat-trasport, li jimplika l-iżvilupp ulterjuri tal-fjuwils alternattivi, titjib fl-effiċjenza tal-mezzi tat-trasport, kif ukoll żieda sostanzjali fl-użu tal-elettriku u b'hekk livelli għoljin ta' investimenti fl-infrastruttura tal-elettriku, fil-ġestjoni tal-grid u fil-ħżin tal-enerġija; jinnotta li hija bżonnjuża azzjoni mgħaġġla biex jiġi evitat milli jiġi mblukkat f'perkors tal-emissjonijiet ogħla fuq il-bażi ta' ċiklu tal-ħajja twil tal-infrastruttura;

107. Jinkoraġġixxi bil-qawwa l-idea li jiġu integrati l-konklużjonijiet tad-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni "Reġjuni 2020 – Evalwazzjoni u sfidi li se jikkonfrontaw ir-reġjuni tal-UE" dwar l-importanza li jiġi kkunsidrat ukoll il-potenzjal tar-reġjuni l-aktar imbiegħda fil-qasam tal-provvista tal-enerġija fis-snin li ġejjin;

108. Jiġbed l-attenzjoni għar-relazzjoni kumplessa bejn il-provvista tal-enerġija u tal-ikel u l-iżviluppi fis-sigurtà, partikolarment fir-rigward ta' bijokarburanti mhux sostenibbli tal-ewwel ġenerazzjoni li jista' jkollhom impatt soċjali u ambjentali negattiv fuq il-pajjiżi li jinsabu fil-fażi tal-iżvilupp; jirrakkomanda, għalhekk, żieda fl-investment u l-iżvilupp ta' bijokarburanti sostenibbli avvanzati mill-prodotti tal-iskart agrikolu u mill-alka;

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2013

109. Ifakkar l-importanza tal-integrità ambjentali tal-produzzjoni tal-enerġija; jistieden lill-Istati Membri japplikaw rigorożament ir-rekwiżiti tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali għat-tipi kollha ta' produzzjoni tal-enerġija, inkluż il-gass mhux konvenzjonali;

110. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-hekk imsejħa "klawsola tas-sigurtà enerġetika" – biex tiġi inkluża fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ, ta' assoċjazzjoni u ta' sħubija u ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi produttori u ta' transitu – biex b'hekk tiġi stabbilita kodiċi ta' kondotta u jiġu definiti b'mod espliċitu l-miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' kwalunkwe bidla unilaterali fit-termini tal-ftehim min-naħa ta' xi wieħed mis-sħab;

111. Jinnota l-importanza ta' kooperazzjoni wiesgħa fir-reġjun tal-Artiku, b'mod partikolari fost il-pajjiżi fl-isfera Ewro-Atlantika, inkluż ftehim dwar reġim speċjali; jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tressaq valutazzjoni olistika tal-benefiċċji u tar-riskji tal-involvement tal-UE fir-reġjun Artiku, inkluża analiżi tar-riskji ambjentali, f'kunsiderazzjoni taż-żoni fraġli ħafna u indispensabbli, partikolarment fl-Artiku għoli;

112. Jinnota li l-ilmijiet tal-Artiku huma ambjent tal-baħar qrib ta' importanza partikolari għall-Unjoni Ewropea, u li dawn għandhom rwol importanti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; jenfazizza li t-tħassib ambjentali serju relatat mal-ilmijiet tal-Artiku jitlobu attenzjoni speċjali li tiżgura l-protezzjoni tal-ambjent tal-Artiku frabta ma' kwalunkwe operazzjoni offshore taż-żejt u tal-gass, inkluż l-esplorazzjoni, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' aċċidenti ewlenin u l-ħtieġa għal rispons effettiv; jinkoraġġixxi lil dawg l-Istati Membri li huma membri tal-Kunsill tal-Artiku biex jipprovmovu b'mod attiv l-isforzi sabiex jinżammu l-ogħla standards possibbli ta' sikurezza f'din l-ekosistema vulnerabbli u unika, inter alia permezz tal-ħolqien ta' strumenti internazzjonali għall-prevenzjoni, it-tħejija u r-rispons għat-tniġġis tal-baħar miż-żejt fl-Artiku, u b'mod partikolari, biex jipproponi b'mod attiv il-politiki għall-gvernijiet li jikkawżawhom biex dawn ma jawtorizzawx operazzjonijiet offshore taż-żejt u l-gass, inklużi esplorazzjonijiet, sakemm ma jkunx jista' jiġi żgurat rispons effettiv għal dawn l-inċidenti;

o

o o

113. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P7_TA(2013)0089

Valutazzjonijiet tar-riskju u tas-sikurezza ("stress test") tal-impjanti tal-enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea u tal-attivitatiet relatati

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2013 dwar valutazzjonijiet tar-riskju u tas-sikurezza ("stress tests") tal-impjanti tal-enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea u tal-attivitatiet relatati (2012/2830(RSP))

(2016/C 036/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2012 dwar il-valutazzjonijiet komprensivi tar-riskju u s-sikurezza ("stress tests") tal-impjanti tal-enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea u tal-attivitatiet relatati (COM (2012)0571),

— wara li kkunsidra ż-żjarat ta' segwitu għas-sejbien tal-fatti fis-siti organizzati mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) wara li ntemm il-proċess ta' rieżami tal-istress tests bil-għan li jsir skambju tal-informazzjoni fir-rigward tal-miżuri meħuda, ipplanati jew li qed jiġu kkunsidrati fil-livell tas-sit sabiex titjieb is-sikurezza b'riżultat tal-istress tests u sabiex jiġu identifikati Prattiki tajba, suċċessi notevoli, kif ukoll kwalunkwe tagħlima meħuda jew diffikultajiet iffaċċjati waqt l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri,